MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2011

Numru. 519/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Anna Marie Micallef]**

**vs**

**Sonia Bajada**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sonia Bajada u detentrici tal-karta tal-identita` numru 7073(M).

Akkuzata talli:

1. Nhar l-20 ta’ Awwissu 2009, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta’ filghaxija, minn gewwa l-hanut bl-isem ‘Optika Ltd’ sitwat Triq ix-Xatt, Sliema, ikkommetta serq ta’ nuccali mill-istess hanut ghad-detriment ta’ Christopher Sansone u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi s-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u

disghin centezmu (€232.94) izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

2. Akkuzata bi ksur tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u cioè mill-Magistrat Dr. A. Mizzi LLD diversament preseduta u datata 4 ta' Ottubru 2009 fejn giet misjuba hatja u lliberata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza.

Rat l-ezami tal-imputata u x-xhieda kollha inkluza dawk tal-ufficcjali tal-isptar Monte Carmeli kif ukoll ufficcjali ohra.

Rat illi l-imputata qeghda turi disponibilita` shiha u li diga wriet l-impenn taghha sabiex tirrijabilita ruhha u konsegwentament tattendi ghal programm fis-Sedqa li diga` hija prevista li tidhol hemm fit-12 ta' Dicembru 2011.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 49, 50, 289 u 279(a) tal-Kap 9 qed issib lill-imputata Sonia Bajada hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u tikkundannaha prigunerija ta' sitt (6) xhur fejn l-imputata ghandha tibda tattendi l-programm tas-Sedqa hekk kif spjegat f'din is-sentenza u li nel frattemp din ghandha tirrisjedi fil-CCF f'Divizjoni B u li tordna lid-Direttur tal-Habs kif ukoll lill-ufficcjali tas-Sedqa sabiex sad-data tat-12 ta' Dicembru 2011, dawn jaghmlulha l-assessment mehtieg sabiex din tkun tista' tattendi l-programm entro dik id-data.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------